**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 33/6/194/14

**<u>Minuti tal-Laqgha b'Urgenza Nru. 33</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2014. Il-laqgha bdiet fis-6:00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici Sindku Dominic Grima, il-Kunsilliera Ray Attard u Steve Axisa kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Ezekuttiv mahtur Kurt Scerri kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv precedenti, Kevin Borg minhabba l-materja diskussa fil-Laqgha.

*Peress li kienet laqgha ta' urgenza ma nqrawx il-minuti tal-laqgha ta' qabel.*

*Is-Sindku qal li peress li l-Financial Statements iridu jaslu ghand l-Awditur tal-Kunsill mill-aktar fis, giet imsejha laqgha b'urgenza. Dan wara li l-Kunsill ghamel talba lil Awditur Generali biex jissottometti dawn l-istess Statements aktar tard mid-data mitluba minhabba problemi personali ta' sahha li kellu l-accountant is-Sur Anthony Chircop.*

## 1) <u>Tender tal-Perit</u>

1.1 Is-Sindku beda l-laqgha billi rrimarka li t-tender ghas-servizz tal-Perit li hareg il-Kunsill Lokali Paola kellu jigi kanċellat wara li ġie osservat li t-tender kien għad fadallu sena sabiex jiskada. Is-Sindku kompla billi spjega li dan ser isir minhabba l-fatt li t-terminu tat-tender tal-Perit li bhallissa ghandu l-Kunsill huwa ta' erbgha snin u fadallu sena biex jiskada. Is-Sindku qal li talab direzzjoni mid-Dipariment tal-Kuntratti u dawn fir-risposta taghhom ikkonfermaw li t-tender jista` jigi kkancellat minhabba li dan kien zball genwin u minhabba l-fatt ukoll li data ta' l-gheluq ta' dan it-tender kienet ghada ma skaditx.

1.2 Il-Kunsill qabel li dan it-tender jigi kkancellat kif issuggerit mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ghalhekk kien hemm qbil li johrog avviz li jistipula dan.

## 2) Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena 2013

2.1 Is-Sindku beda id-diskussjoni dwar il-Financial Statements billi saqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx rimarki x'jghaddu dwar dawn l-iStatements li kienu intbaghtu lilhom mis-Segretarju Ezekuttiv.

2.2 Is-Segretarju precedenti, li kien ukoll prezenti ghal-laqgha minhabba l-fatt li dawn l-iStatements ikopru s-sena li fiha kien ghadu jokkupa l-kariga ta' Agent Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali Paola, ghamel referenza dwar il-persuni li ghandom jiffirmaw dawn l-iStatments u saqsa jekk dawn id-dokumenti ghandomx jigu iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv fil-kariga bhalissa, ie. Kurt Scerri jew inkella minnhu bhala Segretarju Ezekuttiv precedenti. Wara diskussjoni gie maqbul illi minhabba l-fatt li fl-iStatemnets jinghad car li dawn id-dokumenti qed jigu approvati illum 11 ta' Marzu, il-Kunsill ihoss li dawn ghandom jigu iffirmati minn Kurt Scerri bhala is-Segretarju Ezekuttiv fil-kariga bhalissa.

2.3 Sarghet diskussjoni dwar uhud mill-items li gew identifikati fil-Financials Statements:

2.3.1 **Profit**: Is-Sindku irrimarka li ghas-sena 2013 il-Profit tela` ghas-somma ta' €93,966.

2.3.2 **Cash and Cash Equivalents:** Is-Sindku irrimarka il-Kunsill Lokali Paola ghandu Cash Flow pozittiv u li jfisser li ghandu ghad-disposizzjoni tieghu is-somma ta' €255, 886. Is-Sindku irrimarka illi fis-sentejn precedenti il-Kunsill Lokali irnexxilu jgemma bizzejjed fondi bil-hsieb li parti minnhom jintefqu fl-ahhar sena tal-legislatura ghall-progett tat-toroq fl-iskema tal-PPP. Dan sehh ukoll minhabba nuqqas li kien hemm fl-ispiza ta' l-operat.

Ma' dan il-punt saret umbaghad diskussjoni dwar il-proġett tat-toroq tal-PPP wara li l-Kunsillier Bernard Sean Lynch xtaqt jikkarifika certu affarijiet dwar dan il-progett. Fuq dan is-suggett is-Sindku semma li bhalissa qed jistenna minghand il-Perit tal-Kunsill l-ahhar kontijiet tat-toroq kompluti sabiex umbaghad tissejjah laqgha tal-Kunsill dwar l-istess suggett.

2.3.3 Is-Sindku ghalaq din il-parti tal-Laqgha billi semma li dan id-dokument juri li l-finanzi tal-Kunsill Lokali Paola huma b'sahhithom.

2.4 Wara din id-diskussjoni il-Financial Statements gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv wara li gew approvati mill-Kunsill.

## 3) Aggornament

3.1 Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.00pm.

Approvati llum 1 ta' April 2014

Kurt Scerri

Segretarju Ezekuttiv

Roderick Spiteri

Sindku